MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Numru. 1234/2008

**Il-Pulizja**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**Concetta Charles**

Kumpilazzjoni Nru: 1234/2008

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Concetta Charles, ta' 49 sena, bint Serafino Farrugia u Maria nee' Busuttil, imwielda Hal Safi fil-21 ta' Dicembru, 1958 u li toqghod fil-fond 'St.Rita', Triq John Zammit, Hal Safi u detentrici tal-karta tal-identita numru 811758(M),

Akkuzata talli f'Lulju, 2008 u fis-snin u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Appropjat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37) ghad-dannu ta' Alfred Grech u Antonia Grech, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lila minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz taghha.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jikompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Rat n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti relevanti ta' dan il-kaz huma relattivament semplici u fil-verita ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi fid-19 ta' Novembru 2001 l-konjugi Grech ghamlu kuntratt ma' l-imputata permezz ta' liema kuntratt l-imputata ntrabtet li ggib tifla, ta' circa sitt snin, mill-Pakistan biex tigi adottata mill-konjugi Grech; il-konjugi Grech da parti taghhom intrabtu li jhallsu lill-imputata s-somma ta' Lm5,500. Skond il-kuntratt *such consideration covers all medical expenses and maintenance of such*

*child in the New Christian Foundation's Home in Pakistan as well as all legal, administrative, telephone and travelling expenses connected to the adoption*. Ma'l-iffirmar tal-kuntratt il-konjugi Grech hallsu Lm3,000 u l-bilanc kellu jithallas f'zewg pagamenti sa kemm tigi t-tifla u dan kif stipulat f'l-istess kuntratt li kien validu ghal perjodu ta' sena. Il-konjugi Grech kienu intwerew ritratt ta-tifla li l-imputat kienet ser iggib mill-Pakistan.

Illi fis-sena 2002 inqalghu diversi problemi fil-Pakistan minhabba allegazzjonijiet ta' agir inappropjat fil-qasam ta' adozzjonijiet u kienu saru interventi mill-pulizija u anke ttiehdu passi kriminali kontra xi nies inkluz ir-ragel ta'l-imputata. Meta l-konjugi Grech saru jafu b'dwan il-problemi permezz tal-media lokali marru ghand l-imputata u hi sserhitlhom mohhom li l-affarijijet ser jirrangaw. Jidher li l-konjugi Grech kienu lesti jaghtu ftit cans lill-imputat tant li fi Frar 2003 geddew il-ftehiem. Wara din id-data kienu jmorru regolarment ghand l-imputata biex jaraw fiex waslet l-adozzjoni. Fis-sena 2004 l-imputata infurmat lill-konjugi Grech li t-tifla li kienu raw fir-ritratt ma setghetx tingieb Malta pero setghu jaddottaw tifla ohra ta' ghaxar snin u anke uriethom ritratt taghha. Antonia Grech hadet l-impressjoni li t-tifla kellha aktar minn ghaxar snin pero hi u zewgha accettaw li jaddottaw lil din it-tifla. Il-bicca l-kbira tad-dokumentazzjoni kollha necessarja ai fini ta' din l-adozzjoni mill-awtoritajiet tal-Pakistan tlestew u nghataw lill-konjugi Grech.

Illi f'dan l-istess perjodu, Lulju 2004 l-imputat laqqghet lill-konjugi Grech ma certu Shabbir Shafqat u infurmat lill-konjugi Grech li kien ser ikun hu li ser ikompli jiehu hsieb l-adozzjoni mill-Pakistan. F'Awissu 2004 fil-fatt l-imputata u l-konjugi Grech iffirmaw estensjoni ohra ghall-kuntratt originali u l-konjugi Grech ghamlu pagament iehor ta' Lm930; dak n-nhar gie stipulat ukoll li l-bilanc dovut (ai termini tal-ftehiem originali) ta' Lm1,570 jithallas meta t-tifla tasal Malta u li minn din is-somma kellhom jithallsu l-biljetti tat-trasport b'l-ajru biex tingieb it-tifla Malta, flimkien ma' ommha u akkompanjati minn Shafqat. Fil-fatt l-konjugi Grech gew infurmati mill-imputata li huma setghu jixtru l-biljetti ghaliex it-tifla setghet tigi Malta; biljetti inxtraw ghat-

tifla u ghal ommha biss ghaliex Shafqat kellu problemi bil-visa. Minkejja li l-biljetti intbaghtu mill-imputata, it-tifla u ommha xorta ma’ gewx ghaliex apparentement Shafqat zammilhom il-passaport u l-biljett.

Illi minn hawn bdiet korrispondenza bejn il-konjugi Grech u dan Shabbir Shafqat; l-imputata kienet  a konoxxenza ta’ din il-korrispondenza u kienet anke tissuggerixxi lill-konjugi Grech kif ghandhom jitrattaw ma’ Shafqat. F’xi zmien Shafqat qal lill-konjugi Grech li hu kien lest jidhol fi ftehiem gdid maghhom pero esiega li ma jghidu xejn dwar dan lill-imputata. Hu fil-fatt offra li jgib lit-tifla koncernata Malta pero talab somma flus ghalih. Il-konjugi Grech, li fil-fatt ghamlu kif qalilhom Shafqat u qatghu  kull kuntatt ma’l-imputata, ghamlu l-kalkoli taghhom u accettaw li jhallsuh tlett elef dollaru ($3000) biex Shafqat igib it-tifla Malta. Huma accettaw din is-somma ghaliex bil-hlas ta’din is-somma kienu ser ikunu nefqu bejn wiehed u iehor l-ammont originarjament miftiehem ma’l-imputata. Aktar korrispondenza ma’ Shafqat u t-tifla waslet Malta f’ Novembru 2005. It-tifla li ngiebet Malta minn Shafqat, u li fil-fatt giet formalment addottata mill-konjugi Grech, kienet dik li nfurmathom biha l-imputata f’Awissu 2004 u li kienet tidher fir-ritratt muri lill-konjugi Grech dak l-istess zmien mill-imputata. Meta it-tifla waslet Malta l-konjugi Grech haduha ghand l-imputata li dehret sorpriza bil-wasla tat-tifla f’ Malta ghaliex ma kienet taf   xejn dwar dak li qed jigri.

Illi meta it-tifla ingiebet Malta sarulha testijiet medici inkluz dawk necessarji biex tigi stabbilita l-eta taghha stante li baqa jberren id-dubbju dwar kemm fil-fatt kellha eta din it-tifla. Irrizulta it-tifla kellha madwar sittax il-sena ghalhekk il-konjugi Grech irrappurtaw din il-kwistjoni lill-pulizija ghaliex kien car li c-certifikat tat-twelied (li kien tahom Shafqat u li kien jindika li hija kellha ghaxar snin) kien falz. Il-pulizija ghamlet l-investigazzjoni taghha u fil-fatt hadet proceduri kontra Shafqat ghal falsifikazzjoni u frodi fil-konfront tal-konjugi Grech liema imputazzjonijiet gew ammessi minn Shafqat. Fil-kors ta’l-investigazzjoni tal-pulizija fil-kaz ta’ Shafqat gie deciz li jittiehdu passi ukoll kontra l-imputata.

Illi ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata huma truffa u frodi nnominata u appropjazzjoni indebita.

Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[1].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[2]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Antolisei jkompli jghid pero li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto.*

---

[1] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

[2] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

*Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[3].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[4].

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li fil-perjodu meta il-konjugi Grech dahlu f'kuntatt ma'l-imputata u sar ftehiem formali permezz ta' kuntratt fis-sena 2001 l-imputata kienet qed ggib tfal ghall-adozzjoni mill-Pakistan regolarment. Ghalhekk meta hija prestat ruhha bhala persuna li setghet tghin lill-konjugi Grech biex jadottaw tifla mill-Pakistan u anke thallset somma ta' flus ghal dan il-ghan, hija ma kienet qed tipperpetra l-ebda forma ta' *menzogna*, ingann jew qerq u wisq anqas kien hemm xi messa in xena.

Illi ghandu jinghad li meta saru l-estensjonijiet tal-ftehiem originali fis-sena 2003 u fis-sena 2004 il-konjugi Grech kienu jafu li s-sitwazzjoni ta'l-imputata l-Pakistan kienet inbidlet u li kienet qed taffaccja hafna problemi hemm. Huma konsapevoli ta' dan l-inkwiet u tad-diffikultajiet li issa kienet qed taffacja l-imputata biex tiffinalizza adozzjonijiet xorta ghazlu li jiffirmaw estensjoni tal-ftehiem; ghalhekk lanqas f'dan l-istadju ma jista' jinghad li l-imputata pperpetrat xi ingann jew qerq. In oltre fis-sena 2004 il-konjugi Grech iffirmaw l-estensjoni tal-kuntratt ghaliex l-imputata kienet ghaddietilhom l-bicca l-kbira tad-dokumenti necessarji ghall-adozzjoni tat-tifla in kwistjoni. Dawn id-dokumenti (li l-imputat irnexxiela ggib minkejja d-diffikultajiet li kienet ghaddejja minnhom) zgur li ma kienux ivvintati jew b'xi mod setghu jingannaw lill-konjugi Grech. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li l-unika dokument falzifikat u li konsegwentement seta' jinganna lill-konjugi Grech kien ic-certifikat ta' twelied tat-tifla; l-imputata pero kienet ghal kollox estranja ghal dan il-fatt u fi kwlunkwe

[3] Op cit pagna 357
[4] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.

kaz dan id-dokument inghata lill-konjugi Grech minn Shabbir Shafqat numru ta' xhur wara li kienet giet iffirmata l-ahhar estensjoni u meta l-affarajiet kienu qed isiru ad insaputa ta'l-imputata u minghajr xi interventi da parti taghha.

Illi tenut kont ta' dan u tal-provi kollha prodotti l-Qorti hija tal-fehma li r-reati kontemplati f'l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx pruvati.

Illi dwar l-appropjazzjoni indebita huwa pacifiku fis-sistema giuridika taghna li biex jissussisti dan ir-reat irid jigi pruvat li persuna tkun

1. irciviet flus jew xi haga minghand xi hadd;
2. bl-obbligu li trodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li taghmel uzu minnhom b'mod specifiku; u
3. minflok ma taghmel hekk, iddawwar dawk l-flus jew dak l-oggett bi profit ghaliha jew ghal haddiehor[5].

Illi huwa necessarju ukoll d-*dolo* cioe, ai fini ta' dan ir-reat, il-konsapevolezza li qed jigi kommess att li jmur kontra r-rieda tal-persuna li tkun ikkonsenjat l-oggett jew il-flus. F'dan ir-rigward Luigi Maino jghallem li:

*Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto in oltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice*

---

[5] Ref Pulizija vs Enrico Petroni Appell Kriminali deciza 09.06.1998.

*fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dall'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita … …il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta;… …. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo[6].*

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konjugi Grech taw lill-imputata xi ammonti ta' flus; dawn il-hlasijiet saru ai termini ta' kuntratt vinkolanti bejn il-partijiet. Skond dan l-istess ftehiem, kif indikat aktar 'l fuq, il-flus imhallsa *cover all medical expenses and maintenance of such child in the New Christian Foundation's Home in Pakistan as well as all legal, administrative, telephone and travelling expenses connected to the adoption.*

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontestat mill-imputata li l-flus li hija rceviet minghand l-konjugi Grech, kif ukoll il-flus li kienet tircievi ai termini ta' kuntratti simili, kienu jintuzaw primarjament ghall-ispejjez ta'l-adozzjoni imma anke bhala kontribuzzjoni ghad-dar fejn kienu jinzammu it-tfal pendenti l-addozzjoni.

Illi jirrizulta ukoll li Antonia Grech kienet konsapevoli ta' dan il-fatt tant lil fid-depozizzjoni taghha hija tghid: *jien kont konsapevoli illi kien hemm spejjez li riedu jithallsu u jiena kont ukoll lesta illi minn dawk l-ispejjez nghin biex id-dar fejn kienu qeghdin jinzammu tfal ohra tal-fondazzjoni imsemmija fil-kuntratt ikollhom ghajnuna ukoll*.

---

[6] Ref Commento al Codice Italiano Vol IV pagna 105

Illi ghalhekk jidher li meta il-konjugi Grech dahlu fi ftehiem ma'l-imputata huma kienu jafu li l-flus li gew mitluba jhallsu kienu ser jintuzaw biex ikopru l-ispejjez ta'l-addozzjoni tat-tifla taghhom kif ukoll biex jghinu lit-tfal l-ohra fid-dar tal-fondazzjoni imsemmija.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li l-flus imhallsa mill-konjugi Grech intuzaw ghal xi skop iehor minn dak hawn indikat.

Illi hadd ma jista' jinnega li l-addozzjoni fil-kaz in ezami giet konkluza b'l-intervent ta' Shabbir Shafqat; hadd ma jista jinnega lanqas li f'dak l-istadju l-imputata personalment ma kenitx qed tippatecipa fit-tentattivi biex tigi finalizzata l-adozzjoni tat-tifla koncernata. Pero b'l-istess mod hadd ma jista jinnega li l-imputata kienet bdiet tesegwixxi l-obbligi kontrattwali taghha mal-konjugi Grech tant li l-ewwel kienet qed tipprova ggib tifla partikolari Malta, meta ma rnexxilhiex bdiet (b'l-approvazzjoni tal-konjugi Grech) tipprova ggib tifla ohra u kienet kwazi ffinalizzat il-proceduri kollha. Meta rat li hi, minhabba l-problemi li kienet qed taffaccja, ma setghetx wahedha tiffinalizza din l-adozzjoni dahhlet lill-konjugi Grech f'kuntatt ma' Shabbir Shafqat biex l-adozzjoni tkun tista' tigi ffinalizzata; l-addozzjoni fil-fatt giet iffinalizzata.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti huwa nieqes kemm wiehed mill-elementi formali tar-reat in ezami u cioe l-uzu tal-flus mghotija ghal skop differenti minn dawk li ghalihom inghataw, u huwa nieqes ukoll l-element intenzjonali necessarju biex jissussisiti dan ir-reat ghaliex ma ngabet l-ebda prova li l-imputata kellha xi intenzjoni li tuza l-flus ghal xi skop iehor minn dak lil ghalih gew mghotija lilha.

Illi fil-verita f'l-ghar ipotezi ghall-imputata fil-kaz in ezami wiehed forsi jista jghid li hija m'onoratx l-obbligi kontrattwali kollha taghha, dak li rrefera ghalih Luigi Maino[7] meta ghamel id-distinzjoni bejn *il fatto deilittuoso, il fatto penale* u *il fatto illegittimo, l'inadempimento della obbligazione*.

[7] Op Cit

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta ukoll li lanqas r-reati kontemplati l-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma gew pruvati fil-konfront ta' l-imputata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------